II

*(Atti Preparatorji)*

# IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

## FL-409 SESSJONI PLENARJA TIEGĦU TAT-2 U TAT-3 TA' ĠUNJU 2004

**Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-liġi li tgħodd għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali (Ruma II)**

*COM(2003) 427 finali - 2003/0168 (COD)*

(2004/C 241/01)

Fit-8 ta' Settembru 2003 il-Kunsill iddeċieda li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, taħt l-Artikoku 262 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, dwar il:

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-liġi li tgħodd għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali (Ruma II)

It-Taqsima għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum, li kienet responsabbli biex tipprepara x-xogħol tal-Kumitat dwar is-suġġett, addottat l-opinjoni tagħha fl-4 ta' Mejju 2004. Ir-rapporteur kien Is-Sur Frank von Fürstenwerth.

Fl-409 sessjoni plenarja tiegħu tat-2 u tat-3 ta' Ġunju 2004 (laqgħa tat-2 ta' Ġunju 2004) il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew addotta l-opinjoni li ġejja b' 168 voti favur u tmien astensjonijiet.

### 1. Taqsira tal-konklużjonijiet

1.1 Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew jilqa' b'approvazzjoni l-proposta tal-Kummissoni li tistabbilixxi regoli dwar il-kunflitt tal-liġijiet rigward obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali fil-forma ta' regolament Ewropew. Dan jagħlaq vojt li s'issa trażżan b'mod sinjifikanti l-iżvilupp ta' żona legali unika Ewropea.

1.2 Il-Kumitat joffri l-inkoraġġiment tiegħu lill-Kummissjoni u jħeġġiġha tkompli l-inizzjattiva tagħha mill-aktar fis possibbli, filwaqt li tqis it-tibdil u l-korrezzjonijiet suġġeriti li jinsabu fil-punt 9 taħt, sabiex ir-regolament ikun jista' jidħol fis-seħħ.

1.3 Il-Kumitat jilqa' b'approvazzjoni l-isforzi tal-Kummissjoni biex tirrimedja, permezz ta' armonizzazzjoni, il-frammentazzjoni fis-suġġett importanti tal-liġi internazzjonali privata dwar l-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali. Dan iġib benefiċċi inestimabbli f'termini ta' applikazzjoni aktar sempliċi tal-liġi. Minflok ma jkun hemm għalfejn jiġi stabbilit f'kull każ individwu liema sistema ta' liġijiet dwar il-kunflitt tal-liġijiet għandha tgħodd u li wieħed isir jaf dawn ir-regoli li, għall-inqas fid-dettallji, huma differenti minn Stat Membru għall-ieħor, l-utenti tal-liġi fil-futur ikunu jistgħu jużaw sett wieħed ta' regoli li, minħabba li ser ikunu f'regolament, huma direttament applikabbli, u b'hekk ikunu identiċi fl-Istati Membri kollha.

### 2. Introduzzjoni: Memorandum ta' Spegazzjoni

2.1 B'dan ir-regolament il-Kummissjoni qiegħda taħdem għall-ewwel darba biex toħloq sett wieħed ta' regoli dwar il-kunflitt tal-liġijiet rigward obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali fl-Unjoni Ewropea. Sa mill-1980 eżista sett wieħed ta' regoli dwar il-kunflitt tal-liġijiet rigward obbligazzjonijiet kuntrattwali, meta l-maġġoranza ta' l-istati ta' l-Ewropa tal-Punent iddeċidew li jikkonkludu l-Konvenzjoni dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (il-Konvenzjoni ta' Ruma). Wara dan, aderew Stati oħrajn għall-Konvenzjoni. Intuża l-meżż ta' konvenzjoni multilaterali minħabba li, f'dak iż-żmien, it-Trattat tal-KEE ma kienx jipprovdi bażi legali għall-adozzjoni ta' strument legali xieraq mill-Komunità. Il-kunflitt tal-liġijiet dwar obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali għadu rregolat mir-regoli ta' l-Istati Membri li, għalkemm huma spiss ibbażati fuq ftehim komuni dwar is-suġġett, għandhom differenzi sinjifikanti, għall-inqas fid-dettalji tagħhom, u ġew iffurmati b' mod differenti mill-każistika nazzjonali u mill-interpretazzjoni akkademika. Dan jirriżulta f'ħafna diffikultajiet għall-utenti tal-liġi, inklużi problemi fil-ksib tar-regoli rilevanti, problemi ta' lingwa, u problemi biex wieħed isir familjari mal-kultura legali, u l-interpretazzjoni akkademika u mill-każistika barranin. Minħabba li dawn l-oqsma huma relatati ma' xulxin fil-qrib, il-liġi dwar l-obbligazzjonijiet tkopri dawk kuntrattwali kif ukoll dawk li mhumiex kuntrattwali, u d-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Ruma, filwaqt li huma titjib konsiderevoli, dejjem tqiesu bħala mhux kompleti. Il-Konvenzjoni dejjem kellha nuqqas ta' taqsima li tirrigwarda obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali. L-armonizzazzjoni tar-regoli dwar il-kunflitt tal-liġijiet dwar

l-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali twiegħed progress konsiderevoli vis-à-vis is-sitwazzjoni kurrenti fil-Komunità in vista taċ-ċertezza u l-prevedibbiltà akbar li ser iġġib lill-proċess li bih tiġi ddeterminata l-liġi sostantiva li tgħodd. Ovvjament ikun ta' benefiċċju akbar lill-utenti tal-liġi kieku l-istrumenti ta' Ruma I u Ruma II kellhom jiġu kkombinati fi strument legali wieħed. Iżda l-Kumitat jirrikonoxxi li l-proċeduri rigward iż-żewġ proġetti qiegħdin fi stadji totalment differenti u li għalhekk dan huwa prospett fil-bogħod. Minflok, il-prijorità għandha tkun li tiġi stabbilita sistema li taħdem għal obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali. Il-Kumitat jilmenta illi, minħabba r-riservazzjoni espressa mid-Danimarka a bażi tat-Titolu IV tat-Trattat tal-KE, l-istrument legali maħsub mhuwiex ser ikun direttament applikabbli f'dak l-Istat Membru (minkejja li jkun hemm għażla għal applikazzjoni volontarja), u l-armonizzazzjoni għalhekk tkun inqas minn ideali. Il-Kumitat huwa ferħan illi r-Renju Unit u l-Irlanda wrew li huma lesti li japplikaw l-istrument.

2.2 *L-isfond leġislattiv*

2.2.1 Ir-regolament għandu jiġi osservat fuq l-isfond ta' skala wiesgħa ta' attivitajiet leġislattivi tal-Kummissjoni, kemm jekk lesti, ippjanati jew għadhom qed jiġu ppreparati. Il-Kumitat kellu diversi opportunitajiet jikkummenta dwar il-proposti individwali tal-Kummissjoni.

2.2.2 L-ewwel għandha tingħibed l-attenzjoni lejn l-attivitajiet fil-kamp tal-liġi tal-proċedura ċivili, b' mod partikolari:

— l-adozzjoni tal-Konvenzjoni ta Brussel ta' l-1968 fil-forma ta' regolament ([1]);

— il-proposta għal Regolament tal-Kunsill li joħloq ordni ta' l-inforzar Ewropew għal talbiet mhux kontestati ([2]);

— ir-Regolament dwar in-notifika fl-Istati Membri ta' dokumentiġudizzjarjiuextra-ġudizzjarjif'materjiċivilijewkummerċjali ([3]);

— ir-Regolament tal-Kunsill dwar il-kooperazzjoni bejn il-qrati ta' l-Istati Membri fit-teħid ta' l-evidenza f' materji ċivili jew kummerċjali ([4]);

— ir-Rakkmandazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-prinċipji applikabbli għall-korpijiet responsabbli għar-riżoluzzjoni barra mill-qrati tat-tilwimiet tal-konsumatur ([5]);

— id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Network Ġudizzjarja Ewropea f'materji ċivili jew kummerċjali ([6]).

2.2.3 Għandha tingħibed ukoll l-attenzjoni lejn l-attivitajiet fil-kamp tal-liġi sostantiva ċivili, b'mod partikolari:

— il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11.7.2001 dwar il-liġi Ewropea dwar il-kuntratti ([7]),

— id-Direttiva dwar il-Kreditu tal-Konsumatur ([8]),

— id-Direttiva tal-Kunsill dwar termini inġusti fil-kuntratti tal-konsumaturi ([9]).

2.2.4 L-inizjattiva hija relatata partikolarment qrib max-xogħol tal-Kummissjoni dwar il-kunflitt tal-liġijiet sostantivi, li kienet bdiet billi ppubblikat Green Paper dwar il-konverżjoni tal-Konvenzjoni ta' Ruma fi strument Komunitarju ([10]). Ir-Regolament ta' Ruma II huwa komplementari għal, u estensjoni naturali tar-Regolament ta' Ruma I propost fil-Green Paper.

2.2.5 Dawn l-attivitajiet kollha huma mmirati lejn l-għan li tiġi stabbilita żona Ewropea tal-ġustizzja, li toħloq qafas legali li jrendi l-użu tas-suq intern Ewropew aktar faċli għall-operaturi ekonomiċi kollha, li jżid iċ-ċertezza legali u l-faċilitazzjoni ta' l-applikazzjoni tal-liġi mill-qrati u l-aċċess taċ-ċittadini Ewropej għal-liġi.

## 3. **Bażi Legali**

3.1 L-iskop tar-regolament huwa l-unifikazzjoni tar-regoli dwar il-kunflitt tal-liġijiet rigward obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali. L-armonizzazzjoni tar-regoli tal-kunflitt taqa' taħt l-Artikolu 65(b) TKE. Dan ifisser li l-Kummissjoni għandha l-poter li tagixxi fejn dan huwa meħtieġ għall-ħidma minħajr problemi tas-suq intern. Fil-perspettiva tal-Kumitat, dan huwa l-każ, minħabba li l-armonizzazzjoni tgħin biex jiġi żgurat it-trattament ugwali ta' l-operaturi ekonomiċi fil-Komunità f' każijiet bejn il-fruntieri, tiżdied iċ-ċertezza legali, tiġi simplifikata l-applikazzjoni tal-liġi u b' hekk tiġi promossa r-rieda li

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar il-ġurisdizzjoni u l-għarfien u l-inforzar tas-sentenzi f' materji ċivili u kummerċjali, ĠU OJ L 12, 16.1.2001, p. 1.

([2]) Proposta għal Regolament tal-Kunsill li joħloq ordni ta' l-inforzar Ewropew għal talbiet mhux kontestati, COM(2002) 159 finali tat-18.4.2002.

([3]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1348/2000 tad-29 ta' Mejju 2000 dwar in-notifika fl-iStati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji f' materji ċivili jew kummerċjali, ĠU L 160, 30.6.2000, p. 37.

([4]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001 dwar il-kooperazzjoni bejn il-qrati ta' l-Istati Membri fit-teħid ta' l-evidenza f' materji ċivili jew kummerċjali, GU L 174, 27.6.2001, p. 1.

([5]) Rakkmandazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Marzu 1998 dwar il-prinċipji applikabbli għall-korpijiet responsabbli għar-riżoluzzjoni barra mill-qrati tat-tilwimiet tal-konsumatur (98/257/KE), ĠU L 115, 17.4.1998, p. 31.

([6]) Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Mejju 2001 li tistabbilixxi Network Ġudizzjarja Ewropea f' materji ċivili jew kummerċjali (2001/470/KE), ĠU L 174, 27.6.2001, p. 25.

([7]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar il-liġi Ewropea dwar il-kuntratti (2001/C 255/01), ĠU C 255, 13.9.2001, p. 1.

([8]) ĠU C 61, 10.3.1990, p. 14.

([9]) ĠU L 95, 21.4.1993, p. 29.

([10]) Green Paper tal-Kummissjoni dwar il-konverżjoni tal-Konvenzjoni ta' Ruma ta' l-1980 dwar il-liġi li tapplika għall-obbligazzjonijiet Kuntrattwali fi strument Komunitarju l-modernizzazzjoni tagħha (COM(2002) 654 finali).

jinbeda kummerċ bejn il-fruntieri, kif ukoll jiġi promoss l-għarfien reċiproku ta' l-atti legali ta' l-Istati Membri, li jrendi aktar faċli għaċ-ċittadini ta' l-Istati Membri l-oħrajn li jivverifikaw li huma legalment korretti.

4. **Materja, skop, applikazzjoni tal-liġi ta' pajjiżi terzi (Artikoli 1, 2)**

4.1 Ir-regolament huwa maħsub li japplika għall-kunflitt tal-liġijiet f'materji ċivili u kummerċjali (Artikolu 1(1)). Sabiex jiġu evitati n-nuqqasijiet ta' ftehim, dan għandu jiġi ddikjarat speċifikament. Il-Kummissjoni tista' tuża t-terminoloġija tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 (Artikolu 1), minħabba li din hija ddefinita b' mod ċar. L-esklużjoni ta' kwistjonijiet ta' taxxi u tad-dwana hija evidenti minnha nnifsha. Madankollu m' hemmx ħsara billi tissemma b' mod speċifiku hawnhekk.

4.2 Ir-regolament m' huwiex intiż li jistabbilixxi ż-żona kollha ta' l-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali. Il-Kummissjoni għalhekk tingħata parir tajjeb biex ma timmirax fil-għoli wisq u b'hekk tagħmel il-proġett impossibbli. L-esklużjoni ta' kwistjonijiet ta' familja, manteniment u suċċessjoni (Artikolu 1(2)) għalhekk għandha tintlaqa' b' approvazzjoni. In vista ta' l-implikazzjonijiet soċjali tagħhom, dawn il-kwistjonijiet jiġu indirizzati tradizzjonalment fir-regoli tal-kunflitt permezz ta' istrumenti separati.

4.3 L-esklużjoni ta' l-obbligazzjonijiet li jqumu taħt il-kambjali jew iċ-ċekkijiet, kif ukoll dawk li jqumu taħt ħsara nukleari (Artikolu 1(2)), hija soddisfatta mill-fatt li dawn il-materji huma amministrati b'mod xieraq fi ftehim separati [1], li l-iskop tagħhom jestendi 'l hinn mill-Komunità u li l-eżistenza kontinwata tagħhom m' għandhiex tiġi dubbitata.

4.4 L-esklużjoni ta' kwistjonijiet ta' liġi tal-kumpanniji fl-Artikolu 1(2)(f) ma tistax tiġi evitata, minħabba l-materji in kwistjoni tant huma marbutin fil-qrib ma' l-istatut tal-kumpannija li jeħtieġu regolamenti f'dan il-kuntest.

4.5 It-trusts huma fattizz speċifku tal-liġi Anglo-Amerikana. Huma vettura legali li tinsab fin-nofs bejn il-liġi tal-kumpanniji u l-liġi dwar il-fondazzjonijiet, u jixbhu funzjonalment lit-Treuhand Ġermaniża u mingħajr personalità legali. It-trusts huma magħrufin fis-sistemi legali ta' l-Istati Ewropej tal-kontinent. Minħabba dawn il-fattizzi speċjali u minħabba li huma daqshekk qrib għal-liġi dwar il-kumpanniji, kienu esklużi mill-iskop tal-Konvenzjoni ta' Ruma (Artikolu 1(2)(g)). Minħabba li r-regolament jeskludi l-liġi tal-kumpanniji, huwa loġikalment konsistenti li t-trusts għandhom ukoll jiġu esklużi (Artikolu 1(e)).

4.6 Ir-regolament jeħtieġ li tiġi applikata l-liġi speċifikata, kemm jekk hija liġi ta' Stat Membru jew inkella ta' pajjiż terz (Artikolu 2). Billi jagħmel dan qiegħed isegwi standard ġeneralment magħruf fil-kunflitt mill-liġijiet, li bħala prinċipju jipprojbixxi diskriminazzjoni kontra sistemi oħrajn ta' liġi fir-regoli dwar il-kunflitt. Il-Kumitat jilqa' dan bil-qalb. Jekk iċ-ċirkostanzi ta' każ jirrikjedu li tiġi applikata sistema ta' liġi speċifika, ma jagħmilx differenza jekk din hijiex ta' Stat Membru jew le.

5. **Regoli applikabbli għal obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali li jqumu minn tort jew delitt (Artikoli 3 - 8)**

5.1 L-Artikolu 3, li jirrigwarda obbligazzjonijiet naxxenti minn tort jew delitt, jidħol fil-qalba tal-kwistjoni. Teoritakament, numru ta' kriterji, normalment miġburin flimkien mingħajr distinzjoni taħt l-intestatura ġenerali lex loci delicti (commissi) jistgħu jiġu applikati hawn, i.e. il-liġi tal-post fejn isseħħ il-ġrajja, dik tal-post fejn iqumu l-konsegwenzi indiretti tal-ġrajja jew dik tal-post tar-residenza abitwali tal-parti aggravata. Dawn il-kriterji huma bbażati fuq it-tradizzjoni u argumenti qawwijin favurihom. Fil-fatt jintużaw kollha f'diversi sistemi kurrenti tar-regoli tal-kunflitt. Il-kompitu prioritarju tal-Kummissjoni huwa għalhekk li tintroduċi sett uniformi ta' regoli fl-Istati Membri kollha. Dan huwa l-kompitu ewlieni, u l-kwistjoni rigward liema soluzzjoni eżistenti għandha tiġi addottata hija sekondarja għalih. Rigward applikazzjoni prattika sussegwenti, għandu jiġi miftakar li fil-parti l-kbira tal-każijiet dawn il-kriterji kollha jew ħafna minnhom jikkoinċidu fil-prattika. Il-post tar-residenza abitwali tal-parti aggravata ġeneralment ikun l-istess bħall-post fejn tkun seħħet il-ġrajja, li mbagħad ikun l-istess bħall-post fejn ikun sar id-dannu. Għalhekk fil-prattika, tilwimiet dwar il-kriterju li għandu jiġi applikat forsi jkunu xi ftit teoretiċi. Il-Kummissjoni għażlet il-post tal-pajjiż fejn ikun sar id-dannu. Huwa forsi dubitabbli jekk dan huwiex konsistenti ma' żviluppi reċenti fil-konsolidazzjoni legali f'dan il-qasam [2], iżda l-għażla tal-Kummissjoni tista' tiġi ġġustifikata a bażi tal-fatt li tagħti priorità għall-ħarsien tal-parti aggravata, iżda mingħajr ma twarrab għal kollox l-interessi tal-parti li kkawżat id-danni. Dan per eżempju jkun il-każ kieku tapplika biss l-liġi tal-post tar-residenza abitwali tal-parti aggravata. Dipendenza esklussiva fuq il-liġi fejn seħħet il-ġrajja tiffavorixxi b' mod mhux xieraq lill-parti li kkawżat id-dannu [3], minħabba li t-talba tal-parti aggravata għall-ħarsien ma tiġix milqugħa. L-attentat tal-Kummissjoni li tibbilanċja l-interessi tal-partijiet varji jidher aċċettabbli f'kull rispett. Ir-restrizzjoni li l-Artikolu 3(2) jqiegħed fuq ir-regola ġenerali f' każijiet fejn iż-żewġ partijiet għandhom ir-residenza abitwali fl-istess pajjiż hija realistika u tnaqqas rikorsijiet inutili għal sistemi ta' liġi barranin. Il-paragrafu 3 huwa xieraq bħala korrettova ġenerali u jikkorrespondi funzjonalment għall-Artikolu 4(5) tal-Konvenzjoni ta' Ruma. Iżda fil-prattika, għandha tingħata attenzjoni biex jiġi żgurat illi din il-klawsola ta' eċċezzjoni f'każijiet individwali ma tintużax f'dawk l-Istati Membri li s'issa applikaw is-sistema ta' liġi tal-post fejn seħħet il-ġrajja biex jevitaw il-mod il-ġdid li l-Kummissjoni bi ħsiebha toqrob lejn il-kwistjoni.

[1] Il-Konvenzjoni ta' Geneva li tipprovdi liġi uniformi dwar kambjali u promissory notes tas-7 ta' Gunju 1930, il-Konvenzjoni ta' Geneva li tipprovdi liġi uniformi dwar iċ-ċekkijiet tad-19 ta' Marzu 1931, il-Konvenzjoni ta' Pariġi tad-29 ta' Lulju 1960 u numru ta' konvenzjonijiet komplementari.

[2] B' kuntrast, per eżempju, mal-liġi fis-seħħ fil-Ġermanja mill-1999 (Artikolu 40(1) tal-liġi ta' l-implimentazzjoni għall-Kodiċi tal-Liġi Ċivili - EGBGB), li sseħħ fil-post fejn ġrat il-ġrajja bħala l-kriterju deċiżiv.

[3] Min x' aktarx huwa familjari mal-liġi lokali ma jkollux għalfejn jinkwieta dwar sistemi oħrajn ta' liġi u jista' jibbenefika minn livell inqas ta' responsabbilità għal prattiki perikolużi

5.2 F' każijiet li jinvolvu responsabbilità dwar il-prodott (Artikolu 4), il-liġi li tgħodd hija dik tal-post fejn għandha r-residenza abitwali tagħha l-persuna li sofriet id-dannu. Dan il-mod kif wieħed jersaq lejn il-problema jista' jiġi osservat bħala proposta għal kompromess, b' mod partikolari fid-dawl tad-dibattiti xi kultant qawwijin li saru qabel is-seduta tas-6 ta' Jannar 2003. Xi kriterji oħrajn possibbli li ġew diskussi jidhru inqas xierqa: il-post fejn sar ix-xiri jista' jkun każwali, u f' xi ċirkostanzi jista' jkun ukoll impossibbli li jiġi stabbilit (xiri minn fuq l-Internet). Fil-każijiet ta' responsabbilità dwar il-prodott, il-post fejn isir id-dannu jista' wkoll ikun każwali (per eżempju jekk ix-xerrej isofri d-dannu meta jkun qiegħed jivvjaġġa). Fl-aħħar il-post fejn ġie ffabbrikat il-prodott jista' wkoll ma jkunx kriterju soddisfaċenti minħabba li, fuq l-isfond tal-globalizzazzjoni, dan jista' jkollu ftit rilevanza għall-kwistjoni. Il-kriterju li attwalment intgħażel, min-naħa l-oħra, jiffoka fuq il-ħarsien ta' l-interessi tal-parti aggravata. L-għażla ta' dan il-kriterju huwa aktar u aktar iġġustifikat minħabba li, fis-seduta tal-Kummissjoni ta' l-1 ta' Jannar 2003, ir-rappreżentanti ta' l-industrija, li hija l-aktar affettwata direttament mill-proposta, u s-settur ta' l-assigurazzjoni l-aktar joħorġu favur dik il-pożizzjoni bħala konċessjoni għar-rappreżentanti tal-konsumatur. Ir-restrizzjoni għar-regola ġenerali (tqegħid fis-suq mingħajr kunsens) tqis biżżejjed l-interessi leġittimi ta' l-industrija, kif ikkonċedew ir-rappreżentanti tagħha stess waqt is-seduta.

5.3 Id-disposizzonijiet tar-regolament dwar il-konkorrenza żleali (Artikolu 5) huma bażati fuq il-prinċipju tradizzjonalment applikat f'dan il-qasam, ċjoe' li l-liġi applikabbli għandha tkun dik tal-pajjiż fejn il-kompetizzjoni tiġi affettwata direttament u sostanzjalment. Din ir-regola timplika trattament indaqs ta' kompetituri domestiċi u barranin rigward ir-regoli li huma meħtieġa li josservaw. L-istess suġġett madankollu jiġi indirizzat b' mod differenti fl-Artikolu 4(1) ta' l-abbozz tad-Direttiva dwar prattiki żleali fin-negozju ([1]), b' riferenza għall-prinċipju ta' iStat Membru ta' l-istabbiliment. Minkejja li l-memorandi ta' spjegazzjoni għal dawn iż-żewġ strumenti legali ma jindirizzawx din id-differenza, id-differenza fl-applikazzjoni tal-prinċipji ġenerali tal-liġi Komunitarja u tas-suq intern tista' tiġi riżolta kif ġej: l-Artikolu 5 tar-regolament jirreferi għall-liġi Komunitarja esterna rigward pajjiżi li mhumiex Stati Membri (jew f' oqsma mhux koperti mid-direttiva), filwaqt li l-Artikolu 4(1) tad-direttiva jirrelata għal relazzjonijiet bejn Stati Membri fis-suq intern. Jekk din fil-fatt hija l-intenzjoni, il-Kummissjoni tagħmel tajjeb li tiċċaraha fil-memorandi ta' spjegazzjoni għaż-żewġ strumenti legali. Iżda, dann xorta jħalli sitwazzjoni li ma tistax tiġi aċċettata, fejn l-istess regoli japplikaw għal kompetituri ta' l-UE u dawk mhux ta' l-UE fi Stat Membru, filwaqt li jistgħu japplikaw regoli differenti jekk il-kompetituri huma minn Stati Membri ta' l-UE differenti (iżda dan kollu huwa l-kwistjoni tal-livell ta' l-armonizzazzjoni tal-liġi sostanzjali tal-kompetizzjoni li seħħet bid-direttiva).

Ir-restrizzjoni fuq id-disposizzjoni ġenerali ta' l-Artikolu 5(1) hija maħsuba li tikkonċerna każ li fil-prattika x'aktarx isseħħ rari ħafna, jiġifieri fejn att ta' konkorrenza żleali jaffettwa esklussivament l-interessi ta' konkorrent speċifiku. Dan jiġġustifika applikazzjoni tar-regoli ġenerali dwar it-tort u d-delitti, Il-Kumitat jissuġġerixxi illi tingħata konsiderazzjoni li jinbidel it-titoli ta' din id-disposizzjoni għal "Kompetizzjoni u prattiki żleali fil-kummerċ", sabiex ikun aktar ċar illi r-regolament huwa maħsub illi jkopri l-infrazzjonijiet kollha tal-kompetizzjoni b' mod komprensiv.

5.4 Għall-ewwel jista' jidher sorprendenti li jinsabu regoli dwar il-vjolazzjonijiet tal-privatezza u d-drittijiet relatati mal-personalità (Artikolu 6) fi strument legali dwar il-kunflitt tal-liġijiet dwar obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali, minħabba li f' ħafna sistemi ta' liġi dawn il-kwistjonijiet jaqgħu fl-ambitu tal-liġi rigward il-persuna. Iżda reċentament, ħafna Stati Membri qiegħdin joqorbu lejn il-kwistjoni dejjem aktar b'mod differenti, fejn din il-kwistjoni qiegħda tiġi mdaħħla fl-ambitu tat-tort u tad-delitti. F'dan is-sens huwa raġonevoli li l-kwistjoni tissemma hawn. Minbarra dan, hemm konnessjoni ċara mal-kwistjonijiet li jirrigwardaw l-Artikoli 5 u 8. Ir-regola stabbilita fl-Artikolu 6(1) ħaqqha appoġġ. L-istess jgħodd għar-regola dwar id-dritt tar-risposta fl-Artikolu 6(2). Il-Kumitat huwa mħasseb jekk l-eċċezzjoni favur il-lex fori jistax f' xi ċirkostanzi jsir żejjed minħabba l-Artikolu 22.

5.5 Rigward il-vjolazzjoni ta' l-ambjent (Artikolu 7), ir-regola bażika hija konsistenti mar-riferenza għad-disposizzjonijiet dwar tort u delitt ta' l-Artikolu 3, minkejja li l-persuna li qiegħda ssofri d-dannu għandha l-għażla li tibbaża t-talba tagħha fuq il-liġi tal-pajjiż fejn seħħet il-ġrajja li tat lok għad-dannu (li tista' tkun aktar favorevoli għaliha). Huwa ċar illi billi tingħata eċċezzjoni għar-regola ġenerali li, moħbija bħala disposizzjoni tal-liġi dwar il-kunflitt, tippermetti lill-parti aggravata l-għażla tal-liġi applikabbli, il-Kummissjoni qiegħed tipprova tilħaq għanijiet li fil-fatt m' għandhomx x' jaqsmu mal-kunflitt tal-liġijiet iżda li huma aktar maħsuba li jħeġġu lil dawk li potenzjalment iniġġżu 'l-ambjent jieħdu bis-serjetà l-ħarsien ta' l-ambjent billi jiġu mhedda bl-applikazzjoni ta' sistema ta' liġi sostantiva aktar strinġenti. Dan huwa ċar ukoll fil-memorandum ta' spjegazzjoni għall-Artikolu 7.

5.6 Il-prinċipju applikabbli għall-ħarsien tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (Artikolu 8), li l-liġi applikabbli għandha tkun dik tal-pajjiż li għalih tintalab il-protezzjoni, huwa ġeneralment aċċettat f' dan il-qasam. It-trattament indaqs konsegwenti ta' ċittadini ta' l-UE u barranin f' ġurisdizzjoni huwa milqugħ bl-approvazzjoni. Ikun diffiċli li wieħed jiġġustifika sitwazzjoni fejn il-proprjetà intellettwali ta' ċittadin barrani ngħatat ħarsien akbar jew inqas minn dik ta' ċittadin ta' l-UE. L-Artikolu 8(2) għalhekk jgħid biss dak li huwa ovvju.

## 6. **Regoli li jgħoddu għal obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali li joħorġu minn att li mhuwiex tort jew delitt**

6.1 Minkejja li l-liġi dwar tort u delitti, li hija s-suġġett tal-Kapitolu II, Taqsima I tar-regolament, tifforma l-parti essenzjali ta' l-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali, ir-regoli dwar arrikkiment inġust u azzjonijiet li saru mingħajr id-debita awtorizzazzjoni huma meħtieġa wkoll. Obbligazzjonijiet oħrajn mhux kuntrattwali, li huma differenti bħala numru u skop, huma magħrufa fl-iStati Membri, u jistgħu jiġu regolati minn klawsola ġenerali, kif tagħmel sew il-Kummissjoni fl-Artikolu 9(1).

([1]) Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar prattiki inġusti min-negozjant għall-konsumatur fis-Suq Intern u d-Direttivi li jemendawha 84/450/KEE, 97/7/KE u 98/27/KE, COM(2003) 356, 18.6.2003.

6.2 Jekk obbligazzjoni mhux kuntrattwali hija bbażata fuq relazzjoni legali eżistenti bejn il-partijiet (li tinkludi l-kuntratti), huwa minnu illi tgħodd il-liġi li tirregola r-relazzjoni legali eżistenti (konnessjoni sekondarja). Il-Konvenzjoni ta' Ruma, li tistabbilixxi wkoll reegoli dwar l-applikazzjoni, għandha madankollu tiġi applikata għall-kuntratti speċifikament imsemmija f' dak ir-regolament. Madankollu l-Artikolu 9(1) huwa flessibbli biżżejjed biex jista' jiġi applikat flimkien mad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Ruma mingħajr ma jqum ebda kunflitt. Id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 9(2) jikkorrispondu għall-kliem ta' l-Artikolu 3(2) tar-regolament u għalhekk huma ġġustifikati għall-istess raġunijiet.

6.3 Id-disposizzjoni dwar l-arrikkiment inġust, li tapplika l-liġi tal-pajjiż fejn seħħ l-arrikkiment (Artikolu 9(3)), huwa konsistenti mal-prinċipji magħrufin fil-parti l-kbira ta' l-iStati Membri. Jekk iseħħ l-arrikkiment bażat fuq relazzjoni kuntrattwali (ineffettiva), il-loika ta' l-Artikolu 9 tiddetta li għandu jgħodd l-Artikolu 9(1) ([1]). Dan għandu jiġi dikjarat b' mod aktar espliċitu fil-parti operattiva tat-test sabiex ma jkun hemm ebda dubbju fl-imħuħ ta' dawk li l-liġi jafuha inqas. Ir-regola stabbilita fl-Artikolu 38(1) u (3) tal-liġi ċivili Ġermaniża implimentattiva (EGBG), li ssegwi l-istess prinċipju, tista sservi bħala mudell. Skond tagħrif mogħti mir-rappreżentant, dan ikun il-każ biss jekk ma tista' tiġi stabbilita ebda konnessjoni sekondarja taħt l-Artikolu 9(1) jew (2). Il-Kumitat iħoss li dan għandu jiġi ddikjarat b'mod aktar ċar sabiex jiġu evitati nuqqasijiet ta' ftehim minn dawk li jużaw il-liġi.

6.4 Rigward azzjonijiet imwettqa mingħajr id-debita awtorità, ir-regolament japplika l-liġi tal-pajjiż fejn għandu r-residenza abitwali l-benefiċċarju (bl-eċċezzjoni tal-każijiet speċjali msemmija fit-tieni sentenza ta' l-Artikolu 9(4)). Din ir-regola tagħti vantaġġ lill-benefiċċarju rigward ir-regoli dwar il-kunflitt. Jekk tiġi applikata l-liġi tal-post tar-residenza abitwali tal-benefiċċarju, din tagħtih vantaġġ. Mod, apparentament mhux ikkunsidrat mill-Kummissjoni, li bih tista' tinkiseb in-newtralità fir-regoli dwar il-kunflitt huwa li jiġi ddikjarat li tgħodd il-liġi tal-post fejn isseħħ it-transazzjoni. Il-Kummissjoni hija mistqosija tikkunsidra jekk tkunx aktar xierqa soluzzjoni ta' dan it-tip. Dan speċjalment minħabba li, fit-tieni sentenza ta' l-Artikolu 9(4), il-Kummissjoni diġà addottat mod ieħor kif toqrob lejn il-kwistjoni. Skond l-informazzjoni mogħtija mir-rappreżentant tal-Kummissjoni, dan ikun il-każ biss jekk ma setgħet tiġi stabbilita ebda konnessjoni sekondarja taħt l-Artikolu 9(1) jew (2). Il-Kumitat iħoss li dan għandu jiġi ddikjarat b' mod aktar ċar sabiex jiġu evitati nuqqasijiet ta' ftehim minn dawk li jużaw il-liġi.

6.5 Il-klawsola ta' l-eċċezzjoni ta' l-Artikolu 9(5), li tinvoka l-liġi ta' pajjiż ieħor jekk din hija manifestament aktar konnessa ma' l-obbligazzjoni, hija konsistenti ma' l-Artikolu 3(3) tar-regolament u għalhekk hija ġġustifikata. Tqum il-mistoqsija jekk prinċipju superjuri jistax jiġi derivat minn dan, li jkun jgħodd għad-disposizzjonijiet tar-regolament, inklużi dawk stabbiliti fl-Artikoli 4 sa 8, li mhuwiex maħsub li jgħodd għalihom. Il-Kummissjoni għandha tqis dan u, jekk xieraq, tinkorpora regola korrispondenti fit-Taqsima 3. F'dan il-każ l-Artikolu 3(3) u l-Artikolu 9(5) għandhom jiġu mħassra.

6.6 Il-Kumitat iqis lill-Artikolu 9(6) żejjed, minħabba li l-istess effett huwa diġà miksub bir-regola speċjali li tinsab fl-Artikolu 8. Madankollu ma jkun hemm ebda ħsara li tinżamm id-dispożizzjoni.

## 7. Regoli komuni li jgħoddu għal obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali li jirriżultaw minn tort jew delitt u minn atti oħrajn minbarra tort jew delitt

7.1 It-titolu tat-Taqsima 3 tal-Kapitolu II hija kkomplikata mingħajr ħtieġa, u diffiċli biex tinftiehem. Il-Kumitat jirrakkmanda li jiġi segwit l-eżempju tal-Konvenzjoni ta' Ruma u li t-taqsima jkollha t-titolu "Disposizzjonijiet Komuni".

7.2 Billi jagħti lill-partijiet il-libertà li jagħżlu s-sistema ta' liġi wara li tkun qamet it-tilwima (Artikolu 10), ir-regolament jagħmel tajjeb billi jsegwi tendenza progressiva li tistà, per eżempju, tidher ukoll fl-Artikolu 42 ta' l-EGBG Ġermaniża jew fl-Artikolu 6 tal-liġi internazzjonali privata Olandiża. Il-Kumitat jilqa' dan bl-approvazzjoni. Ir-riservazzjoni dwar liġi li ma tgħoddx fl-Artikolu 10(2) u (3) hija prattika standard biex il-partijiet jiġu mrażżna milli jevitaw il-liġi hu għalhekk ma tistax tingħata eċċezzjoni, minkejja li tagħmilha aktar diffiċli biex il-liġi tiġi applikata.

7.3 Id-disposizzjonijiet dwar l-iskop tar-regolament li jinsabu fl-Artikoli 3-10 huma bbażati f'forma modifikata fuq l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni ta' Ruma. Id-dettall konsiderevoli jipprova l-isforzi tajbin tal-Kummissjoni biex tikseb livell għoli ta' ċertezza.

7.4 Qasam li huwa potenzjalment problematiku, madankollu, huwa d-disposizzjoni ta' l-Artikolu 11(d), minħabba li skond prinċipji ġeneralment aċċettati, il-liġi proċedurali tkun bla ħsara għal-lex fori. Il-Kummissjoni għandha tħalli dan il-prinċipju kif inhu. Kwalunkwe passi proċedurali biex jiġu infurzati u (b'mod preventiv) salvagwardjati it-talbiet materjali għandhom jittieħdu skond il-liġi tal-ġurisdizzjoni kompetenti. Il-kwistjoni dwar teżistix tali talba materjali għandha tiġi riżolta skond il-liġi indikata fl-Artikoli 3 sa 10. Il-kliem tal-memorandum ta' spjegazzjoni jissuġġerixxi illi din setgħet kienet l-intenzjoni tal-Kummissjoni. Fejn il-proċeduri tal-Qorti u t-talbiet materjali huma konnessi b' mod li ma jistgħux jiġu separati, eċċezzjoni mir-regola tal-lex fori tkun iġġustifikata u tiġi applikata l-lex causae.

7.5 L-Artikolu 12, li jirrigwarda s-suġġett diffiċli ta' regoli superjuri obbligatorji huwa bbażat, mutatis mutandis, fuq l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni ta' Ruma u huwa għalhekk skond il-prattika standard fir-regoli dwar il-kunflitt. It-titolu, madankollu, li huwa differenti minn dak użat fil-Konvenzjoni ta' Rmuma, jirrefletti l-iżviluppi fit-teknoloġija mill-1980.

([1]) Dan huwa kkonfermat, minkejja li fil-qasir ħafna, fil-memorandum ta' spjegazzjoni (p. 22).

7.6 L-Artikolu 13 jipprovdi li r-regoli dwar is-sigurtà u l-kondotta jgħoddu awtomatikament, li bħala prinċipju huwa ġġustifikat. Iżda l-Kumitat iqis li r-regoli applikati għandhom ikunu dawk fis-seħħ fil-post fejn aġixxiet il-persuna in vjolazzjoni, għaliex jista' jiġi mistenni li tosservahom. Id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni ta' Hague dwar il-liġi li tgħodd dwar l-inċidenti tat-traffiku jistgħ, kuntrarjament għall-asserzjonijiet tal-memorandum ta' spjegazzjoni (p. 25) jiġu interpretati f' dan il-mod, għaliex l-artikolu jirreferi għar-regoli fis-seħħ fil-post u fil-ħin ta' l-inċident. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni interpreta l-Artikolu 13 f' dan il-mod ukoll. Il-Kumitat iqis illi dan ma joħroġx ċar biżżejjed, għall-inqas f' xi verżjonijiet b' xi lingwi. Il-Kumitat għalhekk jagħmel sejħa lill-Kummissjoni sabiex tgħid mingħajr ewkivoku fl-Artikolu 13 tar-regolament illi r-regoli dwar is-sigurtà u l-kondotta li għandhom jgħoddu huma dawk fil-post fejn aġixxiet il-persuna in vjolazzjoni.

7.7 Ir-regola dwar l-azzjoni diretta kontra l-assikuratur tal-persuna li hija allegatament responsabbli hija xierqa u hija l-korollarju sustantiv tar-regola proċedurali stabbilita fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001.

7.8 Ir-regola dwar is-subrogazzjoni (Artikolu 15) hija konsistenti ma' l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni ta' Ruma u ma toħloqx problemi. Il-Kummissjoni jkollha bżonn tiżgura illi dan jibqa' veru meta l-Konvenzjoni ta' Ruma terġa' tinħadem bħala regolament Ewropew (Regolament dwar Ruma I). L-istess jista' jingħad dwar l-Artikolu 17 (piż tal-prova), li huwa konsistenti ma' l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni ta' Ruma. L-Artikolu 16 hija addattazzjoni li rnexxiet tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 9(4) tal-Konvenzjoni ta' Ruma li, fid-dawl tal-materja differenti, jista' jservi biss bħala punt ta' bidu.

## 8. **Disposizzjonijiet oħrajn / Disposizzjonijiet finali**

8.1 Il-kwistjonijiet fil-Kapitoli III u IV huma l-aktar regoli tekniċi konsistenti ma' l-istandards ġenerali fil-kunflitt tal-liġijiet; għalhekk ma joħolqu ebda problema u ma jeħtieġu ebda kumment fid-dettall. Dan jgħodd partikolarment għall-Artikolu 20 (Esklużjoni tar-rinviju (renvoi)), li huwa konsistenti ma' l-Artikolu 15 tal-Konvenzjoni ta' Ruma, l-Artikolu 21 (Stati b'aktar minn sistema legali waħda), li huwa konsistenti ma' l-Artikolu 19 tal-Konvenzjoni ta' Ruma, l-Artikolu 22 (Politika pubbliká tal-forum), li huwa konsistenti ma' l-Artikolu 16 tal-Konvenzjoni ta' Ruma, u l-Artikolu 25 (Relazzjoni ma' konvenzjonijiet internazzjonali eżistenti), li huwa konsistenti ma' l-Artikolu 21 tal-Konvenzjoni ta' Ruma.

8.2 Għall-iskopijiet tar-regolament, l-Artikolu 18 jassimila ma' territorju ta' Stat xi żoni li normalment ma jaqgħux f'dak it-territorju. Dan għandu l-effett illi jingħalqu ċerti spazji vojta fil-liġi u jipprevjenu applikazzjonijiet każwali tas-sistemi tal-liġi. Il-Kumitat jilqa' dan bl-approvazzjoni.

8.3 Il-post ta' residenza abitwali ta' persuna għandu rwol ċenrali fil-liġi privata internazzjonali kurrenti, u konsegwentement fir-regolament, meta tiġi determinata l-liġi li tgħodd. Minkejja li d-determinazzjoni tal-post ta' residenza abitwali ta' persuna naturali normalment ma toħloqx problemi, jista' jkun hemm xi dubbji rigward persuni legali. Ir-regolament jiddisponi minn dawn id-dubbji b'mod xieraq billi jiddikjara l-post ewlieni tan-negozju bħala l-kriterju deċiżiv. Ma kienx ikun xieraq li din id-disposizzjoni timxi fuq il-mudell ta' l-Artikolu 60 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, minħabba li dan ir-regolament normalment jieħu l-post tar-residenza permanenti minflok dak tar-residenza abitwali bħala l-kriterju, u wkoll minħabba li s-soluzzjoni bi tliet punti, addottata hemm, kienet tfisser inqas ċertezza.

8.4 L-Artikolu 24 ġie inkorporat fit-test mill-Kummissjoni biss b'riżultat tal-proposti li saru fis-seduta ta' Jannar 2003. Huwa bbażat fuq l-Artikolu 40(3) ta' l-EGBG Ġermaniża, li l-iskop tagħha huwa li trażżan, permezz ta' liġi sostantiva, it-talbiet li jsiru li huma ġeneralment meqjusa fil-Komunità bħala eċċessivi, li għalkemm jagħmlu żejda kwalunkwe tilwima jew diskussjoni rigward jekk tali talbiet humiex inkompatibbli mal-politika pubblika. Il-Kumitat jaqbel sewwa ma' l-intenzjoni tal-Kummissjoni. Iżda jiġu moqdija l-interessi ta' parti li titlob il-kumpens jekk (għal raġunijiet li għal kull skop ieħor huma perfettament skond il-liġi) kellu jiġi miċħud mill-kumpens għal dannu soffert biss minħabba li taħt sistema barranija ta' liġi, saret disposizzjoni dwar id-danni li tiġi aċċettata fl-iStati Membri iżda wkoll għal danni punitivi (eż., tripli) li ma jitqisux aċċettabbli. Il-Kumitat jibża' illi l-kliem ta' l-Artikolu 24 bħalissa m' għandhomx eżattament dan l-effett. Għalhekk huwa jipproponi li d-disposizzjoni terġa' tinkiteb kif ġej:

"L-applikazzjoni ta' disposizzjoni tal-liġi indikata minn dan ir-Regolament m' għandha tagħti lok għal ebda talbiet biss fejn dawn it-talbiet iservu b' mod ċar skopijiet minbarra dak tal-kumpens xieraq tal-parti aggravata."

8.5 L-Artikolu 25 tar-regolament fih proviso dwar konvenzjonijiet internazzjonali li l-iStati Membri huma partijiet tagħhom, u dawn jingħataw priorità rigward ir-regoli dwar il-kunflitt tal-liġijiet dwar obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali. Din id-disposizzjoni tikkorrespondi b' mod wiesa' għall-Artikolu 21 tal-Konvenzjoni ta' Ruma iżda, kuntrarjament għall-Konvenzjoni ta' Ruma, ma jagħtix eżenzjoni għal irbit ta' trattati fil-futur li jiddevjaw mil-liġi tal-Komunità. Din id-differenza tiġi mill-intenzjoni li r-regolament għandu jorbot lill-awtoritajiet leġislattivi nazzjonali u mill-ħtieġa li titrażżan aktar frammentazzjoni tal-liġi fil-Komunità fil-futur. Il-Kumitat jilqa' dan il-proviso, minħabba li jippermetti lill-iStati Membri jkomplu jonoraw irbit tat-trattati eżistenti u li jkomplu jkunu partijiet għal konvenzjonijiet importanti, li f' xi każijiet jiġu applikati mad-dinja kollha. F' dan il-kuntest, il-Kumitat jikkwota bħala eżempju l-Konvenzjoni ta' Berne dwar il-ħarsien ta' xogħolijiet letterarji u artistiċi tad-9 ta' Settembru 1896, il-Ftehim dwar aspetti tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali relatati mal-Kummerċ (TRIPS), il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-unifikazzjoni ta' xo regoli tal-liġi dwar l-assistenza u s-salvataġġ fuq il-baħar tat-23 ta' Settembru 1910 u l-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-limitazzjoni tar-responsabbilità tal-proprjetarji tal-vapuri baħħara.

9. **Konklużjoni**

Il-Kumitat isejjaħ lill-Kummissjoni, biex tlesti x-xogħol fuq ir-regolament mill-aktar fis possibbli sabiex jista' jidħol fis-seħħ. Il-Kummissjoni għandha:

— tiċċara r-relazzjoni bejn l-Artikolu 5 tar-regolament u l-Artikolu 4(1) tad-direttiva dwar il-konkorrenza żleali u taddatta l-memorandum ta' spjegazzjoni f'dan is-sens;

— terġa tqis jekk l-għotja lill-parti aggravata ta' l-għażla tal-liġi li tgħodd fil-każijiet dwar vjolazzjoni ta' l-ambjent (Artikolu 7) hijiex verament xierqa;

— tiċċara r-relazzjoni bejn l-Artikolu 9(3) u (4), minn naħa waħda, u l-Artikolu 9(1) u (2), fuq in-naħa l-oħra, fit-test tar-regolament;

— tqis jekk, fl-Artikolu 9(4), ikunx aktar xieraq li jiġi ddikjarat illi s-sistema ta' liġi li għandha tgħodd hija tal-post fejn issir it-transazzjoni;

— tqis jekk l-Artikolu 9(5) għandux isir prinċipju ġenerali tar-regolament u jidħol fit-Taqsima 3;

— temenda t-titolu tat-Taqsima 3 biex jinqara "Disposizzjonijiet Komuni";

— tiċċara illi fl-Artikolu 13 ir-regoli tas-sigurtà u kondotta applikati għandhom ikunu dawk fis-seħħ fil-post fejn seħħet il-ġrajja;

— terġa' tikteb l-Artikolu 24 biex jinqara kif ġej:

"L-applikazzjoni ta' disposizzjoni tal-liġi indikata minn dan ir-Regolament m' għandha tagħti lok għal ebda talbiet biss fejn dawn it-talbiet iservu b'mod ċar skopijiet minbarra dak tal-kumpens xieraq tal-parti aggravat."

Brussel, 2 ta' Ġunju 2004.

*Il-President*

*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*

Roger BRIESCH

---

**Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, il-Parlament Ewropew, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u l-Kumitat tar-Reġjuni - Lejn Industrija Farmaċewtika Ewropea Aktar b'Saħħitha għall-Ġid tal-Pazjent - Sejħa għal Azzjoni** ([1])

*COM (2003) 383 final*

(2004/C 241/02)

Fis-16 ta' Ottubru 2003, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, skond l-Artikolu 262 tat-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea, dwar il- Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, il-Parlament Ewropew, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u l-Kumitat tar-Reġjuni - lejn Industrija Farmaċewtika Ewropea aktar b'saħħitha għall-Ġid tal-Pazjent - Sejħa għall-Azzjoni

It-Taqsima għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum, li kienet responsabbli biex tħejji x-xogħol tal-Kumitat dwar dan is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha fl-4 ta' Mejju 2004. Ir-rapporteur kienet is-Sinjura O'Neill.

Fis-sessjoni plenarja tiegħu numru 409 tat-2 u t-3 ta' Ġunju 2004 (il-laqgħa tat-2 ta' Ġunju) il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali adotta l-opinjoni li ġejja b'164 vot kontra wieħed u b'10 astensjonijiet.

1 **L-Isfond**

1.1 Kien ilu magħruf li l-industrija farmaċewtika Ewropea għandha sehem importanti ħafna kemm fil-qasam ta' l-industrija u f'dak tas-saħħa. Fi ħdan l-istituzzjonijiet Ewropej kien hemm aċċenn sostanzjali fuq l-iżvilupp tad-diversi komponenti li jagħmlu l-industrija u fuq il-vantaġġi li l-pazjenti jgawdu minn dan.

1.2 Għalhekk, il-Kunsill ta' Lisbona fis-sena 2000 kien waqqaf l-għan strateġiku ta' l-UE biex tinbena ekonomija bbażata fuq l-għerf li tkun l-aktar waħda kompetittiva u dinamika fid-dinja, li tkun tiflaħ għal tkabbir ekonomiku sostenibbli bil-ħolqien ta' aktar impjiegi li jkunu aħjar u għal koeżjoni soċjali akbar, li fiha l-industrija farmaċewtika tkun tista' tieħu sehem importanti.

1.3 Il-Kunsill tal-Ministri, fil-konklużjoni tiegħu dwar il-Prodotti Mediċinali u s-Saħħa Pubblika, f'Ġunju tas-sena 2000 saħaq fuq l-importanza li jkun hemm mediċini ġodda, b'valur terapewtiku sinifikanti miżjud, biex jintlaħqu l-għanijiet kemm tal-qasam industrijali kif ukoll dak tas-saħħa pubblika.

([1]) Id-dokumenti dwar l-Intrapriża Nru. 1/2001.